# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 2/2024 ISB**

**L-Avukat Dr Michael Psaila detentur tal-karta tal-identità bin-numru 398480(M) bħala mandatarju speċjali ta' Mediterranean Overseas Holdings Limited, soċjetà estera reġistrata fil-British Virgin Islands, bin-numru ta' reġistrazzjoni 1469705 u ta' Corinthia (Malta) Staff Services Limited soċjetà nkorporata u reġistrata f'Malta, bin-numru ta' reġistrazzjoni C19442**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tal-**Avukat Dr Michael Psaila noe**, intavolat fid-9 ta' Jannar 2024, li permezz tiegħu hu talab lill-Qorti sabiex:-

1. *Taħtar stralċjarju għall-kumpanija Azure Services Limited skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 282 tal-Att Dwar il-Kumpaniji, taħt dawn il-kundizzjonijiet illi jidhrilha xieraq.*
2. *Taħtar stralċjarju għall-kumpanija Azure Ultra Limited skont id-dispożizzjonijiet tar-regola 145 tar-Regolamenti, taħt dawn il-kundizzjonijiet illi jidhrilha xieraq; u*
3. *Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.*

U dan wara li ppremetta:

*Illi s-soċjetàjiet rikorrenti huma membri u azzjonisti tal-kumpanija Azure Services Limited, li hija kumpannija privata limitata nkorporata u reġistrata f'Malta, bin-numru ta' reġistrazzjoni C 31224 u bl-uffiċċju reġistrat li jinsab 31/6, St. Frederick Street, Valletta, Malta, u dana kif jirrizulta minn estratt mill-portal tar-Reġistru tal-Kumpanniji hawn anness u mmarkat bħala Dokument "**A**";*

*Illi Azure Services Limited hija l-uniku membru u azzjonista tal-kumpanija Azure Ultra Limited, li hija kumpannija privata limitata nkorporata u reġistrata f'Malta taħt ir-Regolamenti Dwar Bastimenti Merkantili (Organizzazzjonijiet ta' Bastimenti – Kumpanniji Privati) (S.L. 234.42) (minn hawn 'il quddiem immsejħin "**ir-Regolamenti**"), bin-numru ta' reġistrazzjoni C 69519 u bl-uffiċċju reġistrat li jinsab 31/6, St. Frederick Street, Valletta, Malta u dana kif jirrizulta minn estratt mill-portal tar-Reġistru tal-Kumpanniji hawn anness u mmarkat bħala Dokument "**B**".*

*Illi għalhekk, is-soċjetàjiet rikorrenti huma membri u azzjonisti ndiretti tal-kumpanija Azure Ultra Limited.*

*Illi f'laqgħa ġenerali straordinarja tas-27 ta' April 2020, Azure Services Limited irriżolviet b'riżoluzzjoni straordinarja li l-istess kumpanija tiġi xxoljta u konsegwentement tkun stralċjata volontarjament fl-istess data.*

*Illi dikjarazzjoni ta' solvenza ai termini tal-artikolu 268(1) tal-Att Dwar il-Kumpaniji ma saritx mid-diretturi tal-kumpanija Azure Services Limited u għalhekk l-istralċ jissejjaħ stralċ volontarju tal-kredituri ai termini tal-artikolu 268(5) tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Avviż lir-Registratur ta' l-*

*imsemmija riżoluzzjoni ai termini tal-artikolu 265(1) tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Form B(1)) hawn anness u mmarkat bħala Dokument "**C**").*

*Illi f'laqgħa ġenerali straordinarja tas-27 ta' April 2020 Azure Ultra Limited irriżolviet b'riżoluzzjoni straordinarja li l-istess kumpanija tiġi xxoljta u konsegwentement tkun stralċjata volontarjament fl-istess data (Avviż lir-Registratur ta' l-imsemmi xoljimenti u stralċ konsegwenzjali ai termini tar-regola 152 tar-Regolamenti (Form S) hawn anness u mmarkat bħala Dokument "**D**").*

*Illi peress illi l-kumpaniji Azure Services Limited u Azure Ultra Limited kif ukoll il-kredituri tal-istess kumpaniji fil-laqgħat rispettivi tagħhom nnominaw lill-Avukat Dr Richard Galea Debono bħala l-stralċjarju tal-kumpanija Azure Services Limited, l-Avukat Dr Richard Galea Debono ġie maħtur bħala l-istralċjarju tal-kumpaniji in kwistjoni u dana kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annesss u mmarkat bħala Dokument "**E**" u "**F**".*

*Illi l-Avukat Dr Richard Galea Debono rriżenja mill-karigi tiegħu fit-31 Mejju 2023 u kkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni avviż tar-riżenja tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 300(1) tal-Att Dwar il-Kumpaniji kif ukoll avviż tar-riżenja tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tar-regola 158 tar-Regolamenti (kopji hawn annessi u mmarkati bħala Dokument "**G**" u Document "H").*

*Illi sallum il-kariga ta' l-istralċjarju għadu vakanti u konsegwentement l-kumpaniji Azure Services Limited u Azure Ultra Limited m'għandhomx stralċjarju.*

*Illi r-rikorrenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mid-dritt mogħti lilhom bis-saħħa tal-proviso għall-Artiklu 282 tal-Att Dwar il-Kumpaniji u tar-regola 145 tar-Regolamenti.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 16).

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tat-22 ta' Jannar 2024 minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-23 ta' Frar 2024 fid-9:30 a.m.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024, deher l-Av Richard Galea Debono li ta rendikont lill-Qorti tax-xogħol li kien wettaq hu fil-kapaċità tiegħu ta' likwidatur ta' Azure Services Limited u Azure Ultra Limited.

Rat ukoll illi bi qbil mar-rikorrent il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent *ai termini* tal-**Artiklu 282 tal-Kap 386** tal-Liġijiet ta' Malta u r-regola 145 tar-Regolament Dwar Bastimenti Merkantili (Organizzazzjonijiet ta' Bastiment – Kumpanniji Privati) **Liġi Sussidjarja 234.42**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent noe, qed jitlob lil din il-Qorti taħtar stralċjarju għall-kumpaniji **Azure Services Limited** u **Azure Ultra Limited**.

Illi jirriżulta illi r-rikorrenti huma membri u azzjonisti tal-kumpanija Azure Services Limited, kumpanija privata limitata bin-numru ta' reġistrazzjoni C 31224, filwaqt li Azure Services Limited hija l-uniku membru u azzjonista tal-kumpanija Azure Ultra Limited li hija kumpanija privata limitata nkorporata u reġistrata f'Malta taħt ir-Regolament Dwar Bastimenti Merkantili (Organizzazzjonijiet ta' Bastiment – Kumpanniji Privati) Liġi Sussidjarja 234.42, bin-numru ta' reġistrazzjoni C 69519.

Ir-rikorrent noe. jispjega li f'laqgħa ġenerali straordinarja tas-27 ta' April 2020, Azure Services Limited u Azure Ultra Limited irriżolvew b'riżoluzzjoni straodinarja li l-istess kumpaniji jiġu xjolti u konsegwentement stralċjati volontarjament u ġie maħtur l-Avukat Dr Richard Galea Debono bħala stralċjarju.

Jgħid li l-imsemmi stralċjarju rriżenja mill-kariga tiegħu fil-31 ta' Mejju 2023 u nforma b'dan lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Jispjega li sal-lum il-karigi rispettivi ta' stralċjarju għadhom vakanti bil-konsegwenza li l-kumpaniji *de quo* għadhom mhux stralċjati u għalhekk is-soċjetajiet rikorrenti intavolaw dawn il-proċeduri sabiex jipprevalixxu ruħhom mid-dritt mogħti mill-*proviso* tal-Artikolu 282 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dak tar-regola 145 tar-Regolament

Dwar Bastimenti Merkantili (Organizzazzjonijiet ta' Bastiment – Kumpanniji Privati) Liġi Sussidjarja 234.42.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

L-Artikolu **282 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid testwalment hekk:

> ***282***.*Jekk tinħoloq vakanza fil-kariga ta' likwidatur minħabbamewt, riżenja jew tneħħija liema stralċjarju ma jkunx maħtur mill-Qorti, għandu jinħatar stralċjarju ġdid skont id-dispożizzjonijiettal-artikolu 279(1):*
>
> ***Iżda jekk stralċjarju ma jinħatarx skont id-dispożizzjonijiettal-imsemmi subartikolu, kull membru jew kreditur tal-kumpanija jista' jagħmel rikors lill-qorti għall-ħatra ta' stralċjarju u l-ħatra ssir mill-qorti.***

**Ir-Regola 145 tar-Regolament Dwar Bastimenti Merkantili (Organizazzjonijiet ta' Bastiment – Kumpanniji Privati) Liġi Sussidjarja 234.42** tgħid is-segwenti:

> *145.If a vacancy occurs, by death, resignation or removal in theoffice of a liquidator who was not appointed by the court, a newliquidator shall be appointed in accordance with the provisions ofregulation 137(1):*
>
> ***Provided that if a liquidator is not appointed in accordance with the provisions of the said subregulation, any member or creditor of the company may apply to the court for the appointment of a liquidator and the appointment shall be made by the court.***

Il-Qorti rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrent u ma jirriżulta ebda dubju f'moħħ il-Qorti li s-soċjetajiet rikorrenti huma azzjonisti u membri tas-soċjetajiet *de quo.*

Tosserva li mill-kliem tal-leġijiet rispettivi, il-leġislatur ma ħalla l-ebda diskrezzjoni lill-Qorti f'dan ir-rigward u għalhekk la darba stabbilit li r-rikorrenti jissodisfaw il-kriterji tal-artikoli ċitati, l-Qorti m'għandha l-ebda għażla għajr li taħtar l-istralċjarju rispettiv.

Għalhekk ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet rikorrenti.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 u tar-Regolament Dwar Bastimenti Merkantili (Organizzazzjonijiet ta' Bastiment – Kumpanniji Privati) Liġi Sussidjarja 234.42 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tar-rikorrent noe u dana billi:

1. **Tordna** illi l-istralċ tas-soċjetajiet **Azure Services Limited (C 31224)** u **Azure Ultra Limited (C 69519)** jitkompla mir-**Riċevitur Uffiċjali** a spejjeż tas-soċjetajiet rikorrenti, bis-soliti fakoltajiet li tagħti l-liġi, fosthom:

    a) Wara li tikseb dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpanniji *de quo, ai termini* tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan partikolarment billi tikkomunika mal-likwidatur preċedenti Richard Galea Debono, tagħmel rapport lill-Qorti *ai termini* tal-Artiklu 227 tal-istess KAP 386,

    b) Tagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpaniji *de quo* u jekk ikun il-każ, tirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

    c) Tieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tagħha kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpaniji Azure Services Limited (C 31224) u Azure Ultra Limited (C 69519) jista' għandhom, u dan *ai termini* tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

    d) Tagħmel u tiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpaniji *de quo*.

    e) Tirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpaniji jista' għandhom.

2. **Tawtorizza** lir-Riċevitur Uffiċjali titlob lil-likwidatur preċedenti l-Avukat Richard Galea Debono sabiex jikkonsenja l-inkartament kollu illi għandu fil-pussess tiegħu u jagħti kull informazzjoni neċessarja u relattiva.

3. **Tordna** lill-istralċjarju sabiex tippreżenta rapport tal-ħidma tagħha sa qabel l-udjenza li jmiss.

4. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mis-soċjetajiet intimati.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**